REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/574

tat-30 ta' Marzu 2021

li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/375 u (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva prosulfuron

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2)(c) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/375 ([2]) ġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva prosulfuron bħala kandidat għas-sostituzzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(2) L-approvazzjoni tas-sustanza attiva prosulfuron, kif stabbilit fil-Parti E tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([3]), inkludiet restrizzjoni li l-użu tal-prosulfuron kellu jiġi limitat għal applikazzjoni waħda kull tliet snin fl-istess għalqa f'doża massima ta' 20 g ta' sustanza attiva għal kull ettaru.

(3) F'konformità mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, fit-12 ta' Ottubru 2016, Syngenta Crop Protection AG ressqet applikazzjoni lill-Istat Membru maħtur bħala relatur, Franza, fejn talbet emenda għall-kundizzjonijiet tal-approvazzjoni tal-prosulfuron sabiex titneħħa dik ir-restrizzjoni. L-Istat Membru maħtur bħala relatur sab li l-applikazzjoni kienet ammissibbli.

(4) L-Istat Membru maħtur bħala relatur ivvaluta l-użu emendat tas-sustanza attiva prosulfuron b'rabta mal-effetti potenzjali fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u fuq l-ambjent f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u pprepara rapport ta' valutazzjoni għat-tiġdid rivedut li ġie ppreżentat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") u lill-Kummissjoni fil-5 ta' April 2018.

(5) F'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, l-Awtorità ċċirkolat ir-rapport ta' valutazzjoni għat-tiġdid rivedut lill-applikant u lill-Istati Membri għall-kummenti u qegħditu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. F'konformità mal-Artikolu 12(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, l-applikant intalab jibgħat informazzjoni addizzjonali. Franza evalwat l-informazzjoni addizzjonali u fit-28 ta' Frar 2019 ippreżentat r-rapport ta' valutazzjoni għat-tiġdid rivedut lill-Kummissjoni u lill-Awtorità.

(6) Fil-15 ta' Ġunju 2020, l-Awtorità kkomunikat il-konklużjoni tagħha lill-Kummissjoni ([4]) dwar jekk l-użu emendat tas-sustanza attiva prosulfuron jistax ikun mistenni li jissodisfa l-kriterji tal-approvazzjoni previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/375 tat-2 ta' Marzu 2017 li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva prosulfuron, bħala kandidat għas-sostituzzjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011. (ĠU L 58, 4.3.2017, p. 3).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

([4]) EFSA (European Food Safety Authority), 2020. Conclusion on the peer review of the pesticide risk assessment of the active substance prosulfuron. *EFSA Journal* 2020;18(7):6181, 20 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2020.6181

(7) Fit-23 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni ressqet l-addendum mar-rapport ta' reviżjoni tal-prosulfuron u abbozz ta' Regolament lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

(8) L-applikant ġie mistieden jagħti l-kummenti tiegħu dwar l-addendum mar-rapport ta' reviżjoni.

(9) Dwar l-użu rappreżentattiv wieħed jew aktar ta' mill-inqas prodott wieħed tal-protezzjoni tal-pjanti li fih il-prosulfuron, ġie stabbilit li l-kriterji għall-approvazzjoni previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huma ssodisfati meta l-prodott jiġi applikat darba fis-sena. Għalhekk jixraq li titneħħa r-restrizzjoni li tillimita l-użu tal-prosulfuron għal applikazzjoni waħda kull tliet snin fl-istess għalqa f'doża massima ta' 20 g ta' sustanza attiva għal kull ettaru.

(10) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/375 u (UE) Nru 540/2011 jiġu emendati skont dan.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/375

L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/375 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Emenda għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/375, it-test tal-kolonna "Dispożizzjonijiet speċifiċi" hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-prosulfuron, u b'mod partikulari l-Appendiċijiet I u II tiegħu.

F'dik il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għal dawn li ġejjin:

— il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli;

— il-protezzjoni tal-konsumaturi, filwaqt li jitqies l-esponiment għall-metaboliti tal-prosulfuron;

— ir-riskju għall-pjanti terrestri u akkwatiċi mhux fil-mira.

Il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, skont kif ikun xieraq."

ANNESS II

Fil-Parti E tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011, it-test tal-kolonna "Dispożizzjonijiet speċifiċi" tar-ringiela 6, prosulfuron, hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-prosulfuron, u b'mod partikulari l-Appendiċijiet I u II tiegħu.

F'dik il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għal dawn li ġejjin:

— il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet ta' klima vulnerabbli;

— il-protezzjoni tal-konsumaturi, filwaqt li jitqies l-esponiment għall-metaboliti tal-prosulfuron;

— ir-riskju għall-pjanti terrestri u akkwatiċi mhux fil-mira.

Il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, skont kif ikun xieraq."